MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 838/2006

Audrey Rose **BORĠ** u żewġha l-Avukat Joseph G. Borġ bħala parteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti; u b'degriet tat-2 ta' Diċembru, 2008, l-atti tal-kawża għaddew mill-persuna tal-attur Avukat Joseph G. Borġ li miet fil-mori tal-kawża għall-persuna tal-istess attriċi Audrey Rose Borġ

vs

Daniel **SCIBERRAS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' Settembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fil-Gżira fl-14 ta' Diċembru, 2002, meta waqt li l-atturi

kienu mexjin għall-affari tagħhom, huwa ħabat għall-attriċi, serqilha l-*handbag*, taha daqqa b'saħħtu u qalibha mal-art u korriet mal-waqgħa, u minħabba dak il-ħbit, b'mod li ġarrbet ġrieħi li ma jfiqux; u (b) tikkundannah li jħallashom id-danni li jogħġobha tillikwida dwar (i) l-oġġetti misruqa, (ii) l-infieq li kellhom jagħmlu, magħduda dawk għax-xiri ta' mediċinali, b'konsegwenza għall-ġrieħi li ġarrbet l-attriċi mal-imsemmi ħbit, u (ċ) l-isfreġju u d-debilita' li ma tmurx li ġarrbet l-attriċi f'dik il-ġrajja. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Settembru, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat li l-imħarrek ma ressaqx Tweġiba Maħlufa fiż-żmien li trid il-liġi minkejja li kien notifikat kif imiss bl-atti tar-Rikors, iżda ressaq Tweġiba Maħlufa żmien wara;

Rat it-talba tal-avukat difensur tal-atturi magħmula waqt is-smigħ tal-21 ta' Mejju, 2008[1], biex il-Qorti tordna t-tneħħija tal-imsemmija Tweġiba Maħlufa mill-atti tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqin mill-intimat waqt is-smigħ tad-19 ta' Ġunju, 2008;

Rat is-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju, 2008[2], li biha sabet li l-imħarrek kien waqa' kontumaċi u ma tahiex raġuni tajba biex tiġġustifika l-istess kontumaċja u għalhekk ordnat it-tneħħija tat-Tweġiba Maħlufa tardiva tiegħu mill-atti tal-kawża;

Rat ix-xhieda mressqa mill-atturi bil-mezz tal-affidavit u l-provi dokumentali mressqin matul is-smigħ tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2008[3], li bih tat lill-imħarrek żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu

[1] Paġ. 43 tal-proċess
[2] Paġġ. 60 – 6 tal-proċess
[3] Paġ. 67 tal-proċess

għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-15 ta' Ottubru, 2008[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-2 ta' Diċembru, 2008[5], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' danni mġarrba mill-attriċi wara ħbit li seħħ fuqha min-naħa tal-imħarrek f'Diċembru tal-2002 waqt li kienet miexja fi triq pubblika flimkien ma' żewġha;

Illi f'dan il-każ, l-imħarrek ma ressaqx Tweġiba Maħlufa fiż-żmien li tagħtih il-liġi u baqa' kontumaċi. Madankollu, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet li huwa tħalla jressaq fl-għeluq tal-każ, ma jidhirx li jikkontesta l-fatt li huwa kien il-persuna li ħabtet għall-attriċi, iżda jikkontesta biss id-danni reklamati mill-atturi;

Illi l-fatti li joħorġu mil-atti tal-kawża juru li fl-14 ta' Diċembru, 2002, wara nofsinhar, l-atturi kienu mexjin għall-affari tagħhom matul ix-xatt tal-Gżira. Meta kienu waslu quddiem il-Waterfront Hotel, persuna ġiet b'ġirja minn warajhom u ħatfet il-borża li kienet qiegħda ġġor l-attriċi u seraqhielha. Dik il-persuna għamlet dan billi ġibdet iċ-ċinga tal-borża minn ma' spallet l-attriċi u bl-iskoss tefgħet lill-attriċi mal-art;

[4] Paġġ. 68 – 9 tal-proċess
[5] Paġġ. 71 – 2 tal-proċess

Illi, mal-ħbit, l-attriċi waqgħet għal tulha mal-art u stabtet mal-bankina. L-attrur, żewġha, ipprova jiġri wara l-persuna li ħarbet billi qasmet għan-naħa l-oħra tat-triq qalb it-traffiku, bil-borża tal-attriċi b'kulma kien fiha. L-atturi tieħdu l-isptar b'ambulanza. Wara l-inċident, l-attriċi għamlet sitt ġimgħat mixħuta f'sodda ma titħarrekx[6];

Illi jumejn wara li ġara dan, il-Pulizija arrestaw lill-imħarrek li ħalla stqarrija[7]. Fis-17 ta' Diċembru, 2002, il-Pulizija ressqet lill-imħarrek b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, u xlietu b'għadd ta' rejati, fosthom dak dwar il-ħbit u s-serq fuq il-persuna tal-attriċi[8];

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Settembru, 2005[9], l-imħarrek instab ħati tal-akkużi kollha li kien mixli bihom, wara li stqarr ħtijietu, u ntbagħat tmintax-il (18) xahar ħabs;

Illi f'Settembru tal-2006, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jirigwardaw il-każ, il-Qorti jidhrilha li l-**kwestjoni tar-responsabbilta'** tal-inċident trid tkun mistħarrġa qabel kull ħaġa oħra. Minħabba li l-imħarrek baqa' kontumaċi, ifisser li huwa ma stqarrx il-ħtija tiegħu għal dak li seħħ. Madankollu, jidher li huwa jaċċetta li kien il-persuna li wettaq il-ħbit fuq l-attriċi u wkoll fis-sotomissjonijiet tiegħu ma jikkontestax ix-xilja li għamlulu l-atturi bħala l-persuna li kien seraq lill-attriċi u waqqagħha mal-art. Kem hu hekk, fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-imħarrek jikkontesta biss il-fatt tad-anni reklamati mill-atturi;

Illi l-liġi[10] titkellem ċar dwar ir-responsabbilta' tal-għamil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' għamil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[11]. Dan in-

[6] Xhieda tagħha 25.6.2003, f'paġ. 4 tal-proċess
[7] Dok "Ġ", f'paġġ. 16 – 7 tal-proċess
[8] Dok "F", f'paġġ. 14 – 5 tal-proċess
[9] Dok "Ċ", f'paġġ. 7 – 9 tal-proċess
[10] Art. 1031 tal-Kap 16
[11] Art. 1032(1) tal-Kap 16

nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni[12]. Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbilta' ċivili mnissla mill-għamil doluż jew kolpuż[13]. B'żieda ma' dan, ingħad li l-ħsara kaġunata waqt għamil bħal dan m'hijiex la ħsara kuntrattwali u lanqas akwiljana, iżda ħsara li titnissel minn għamil kriminuż vera u proprju li għaliha japplikaw il-prinċipji tad-dritt penali[14];

Illi mbagħad, meta wieħed iqabbel l-atteġġament tal-imħarrek f'din il-kawża mal-pożizzjoni meħuda minnu fil-proċeduri kriminali mibdija kontrih, wieħed isib li ftit li xejn hemm x'jingħad dwar ir-responsabbilta' tiegħu għal dak li ġara. Huwa minnu li l-proċediment kriminali u dak ċivili jimxu għal rashom, iżda huwa wkoll miżmum li l-Qrati Ċivili jistgħu iqisu provi jew indizji li jinkisbu matul proċediment kriminali biex jaslu għad-determinazzjoni ta' fatti fuq bażi tajba ta' prova fil-grad mistenni fi proċediment bħal dan;

Illi meta l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha, waslet għall-fehma l-imħarrek tassew kien jaħti waħdu għal dak li seħħ dak inhar u li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u ippruvata kif jixraq u sejra tilqagħha;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba** mill-attriċi jidher mit-tieni talba li jinġabru taħt tliet irjus: (i) il-valur tal-oġġetti misruqa mal-borża li l-attriċi kienet qiegħda ġġorr fuqha, (ii) in-nefqiet li saru matul iż-żmien li l-attriċi kienet qiegħda tistejqer u tiddewwa wara l-każ, u (iii) il-ħsara u d-dannu li ma jgħaddix minħabba l-ġrieħi mġarrbin u d-dannu għall-ġejjieni. Minn dan jidher li d-danni pretiżi mill-atriċi jinġabru kemm taħt il-kawżali tad-danni mġarrba ("*damnum emergens*") f'dak li jirigwarda (i) u (ii) u kif ukoll taħt il-kawżali tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni ("*lucrum cessans*") f'dak li jirrigwarda (iii);

---

[12] Art. 1033 tal-Kap 16
[13] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[14] App. Ċiv. **30.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Gauċi*** (Kollez. Vol: **XL.i.376**)

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-imħarrek jiddikjara li ma joġġezzjonax għat-talbiet tal-attriċi għad-danni f'dak li jirrigwarda d-danni emerġenti, safejn jirriżultaw riċevuti, iżda ma jaqbilx fejn danni bħal dawn intalbu mingħajr ma tressqu riċevuti għaliex għalih dan ifisser li b'hekk tkun qiegħda ssir biss stima soġġettiva. Fir-rigward tal-pretensjonijiet tat-telf għall-ġejjieni, huwa jsejjes il-biċċa l-kbira tal-argument tiegħu fuq il-fatt li l-attriċi kienet mara tad-dar u fuq il-fatt li, meta ġara l-każ, kellha diġa' eta' li taqbeż l-eta' tal-pensjoni;

Illi **dwar l-ammont ta' *damnum emergens***, l-attriċi ssemmi n-nefqiet li saru marbuta mal-każ, magħduda l-valur ta' oġġetti li kienu fil-borża u l-istess borża[15]. Kien hemm ukoll nefqa għal ħwejjeġ li tqattgħu, nuċċali ġdid u borża ġdida. L-attriċi xehdet li minn dak kollu li kellha fil-borża dak inhar tal-nċident, intbagħtulha lura biss il-Karta tal-identita' tagħha u l-Karta Anzjan. Tressqet riċevuta biss dwar in-nuċċali[16]. Madankollu, l-Qorti tqis ukoll li l-bqija tal-prospett jinbena fuq dettalji li l-attriċi kienet ressqet bħala "parti ċivili" fl-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u taħt ġurament. Minħabba l-valur żgħir tal-imsemmija oġġetti u nefqiet, u fid-dawl ta' din l-aħħar ċirkostanza li juri li saret fi żmien mhux suspett u relattivament qrib għall-każ, il-Qorti sejra toqgħod fuq dak il-prospett. Id-danni taħt dan il-kap jitilgħu għal mija u tnejn u erbgħin lira Maltija u ħamsin ċenteżmi (Lm 124.50)[17];

Illi minbarra dan, l-attriċi tgħid li minħabba l-inċident, għamlet żmien ma setgħetx timxi u minħabba f'hekk kellha tqabbad lil min jgħinha biex tagħmel ix-xogħol tad-dar[18]. Dawn il-pretensjonijiet ukoll saru fiż-żmien li kienet mixja l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u mressqa fl-atti ta' dik il-proċedura. Għar-raġunijiet li ssemmew aktar qabel, din il-Qorti jidhrilha li għandha toqgħod fuq dak il-prospett u tqisu li huwa ippruvat kif imiss. Għalhekk, f'dan ir-rigward, il-Qorti

---

[15] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[16] Dok "R", f'paġ. 23 tal-proċess
[17] Li jġibu € 290.07 fi flus tal-lum
[18] Dok "D1, f'paġ. 11 tal-proċess

qiegħda tillikwida wkoll dawk id-danni kif mitlub, jiġifieri fis-somma ta' tliet mija u tmienja u tletin lira Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (Lm 338.25)[19];

Illi għalhekk, bħala telf imġarrab minħabba l-inċident, l-attriċi seħħilha tipprova li nefqet elf u tmienja u sebgħin euro (€ 1,078) li tagħhom għandha tirċievi kumpens mingħand l-imħarrek;

Illi **dwar l-ammont ta' *lucrum cessans***, xieraq jingħad li din il-Qorti ma dehrilhiex li kellha taħtar espert mediku biex jeżamina lill-attriċi u l-istess atturi ma talbux il-Qorti tagħmel ħatra għal dan il-għan. Sar hekk minħabba li l-atturi ressqu kopja awtentikata ta' rapport mediku magħmul f'Mejju tal-2004 minn espert ortopediku maħtur mill-Qorti tal-Maġistrati u minnu maħluf quddiem dik l-istess Qorti fl-atti ta' dik il-kawża[20]. Din il-Qorti dehrilha li dik ir-Relazzjoni dettaljata setgħet toqgħod fuqha wkoll għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* pretiż mill-attriċi f'din il-kawża billi saret fi żmien xieraq wara l-inċident u billi l-atturi ma qanqlux il-kwestjoni li l-ħsara li ġarrbet l-attriċi aggravat ruħha minn dak inhar 'l hawn. L-imsemmi espert mediku wasal għall-fehma li l-attriċi ġarrbet debilita' li ma tgħaddix fil-grad ta' ħamsa fil-mija (5%) u li din il-ħsara kienet l-effett dirett tal-ħbit li seħħ fuqha mill-imħarrek;

Illi għalhekk wieħed irid issa jasal għall-kumpens xieraq li l-attriċi għandha tingħata, meħudin b'qies iċ-ċirkostanzi kollha li ssemmew aktar qabel. B'mod partikolari, l-Qorti trid tqis li l-attriċi hija mara tad-dar li ma kellhiex impieg indipendenti u li, fiż-żmien li seħħ il-każ, kienet diġa' qabżet is-sittin sena. Fil-fatt, dak inhar tal-inċident, l-attriċi kellha ħamsa u sittin (65) sena;

Illi f'dan ir-rigward jingħad lil-Qrati tagħna ilhom żmien jaċċettaw li mara miżżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi mġarrbin

---

[19] Li jġibu € 787..93 fi flus tal-lum
[20] Paġġ. 38 sa 41 tal-proċess

minnha f'inċident dannuż u minħabba dan il-fatt waħdu[21]. Ix-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku u l-liġi nnifisha tagħtih dan l-għarfien[22];

Illi minbarra dan, tidħol hawnhekk ukoll konsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Fir-rigward ta' nisa tad-dar jidher li llum il-ġurnata l-qrati aċċettaw li ladarba x-xogħol meħtieġ fid-dar ma jintemmx meta l-persuna tagħlaq l-eta' li tgħaddi għall-pensjoni, allura l-kejl xieraq tal-*multiplier* m'għandux jintrabat bl-għama mal-kriterju tal-ħajja lavorativa tal-vittma[23];

Illi l-Qorti tqis li fuq l-iskorta ta' sentenzi mogħtijin fl-aħħar żminijiet, u wkoll minħabba li huwa statistikament ippruvat li l-aspettativa ta' ħajja ta' mara f'Malta hija itwal minn dik ta' raġel b'xi sentejn, sejra tadotta *multiplier* ta' ħdax-il (11) sena;

Illi, għar-rigward tat-tnaqqis li jsir mis-somma li tiġi hekk likwidata, l-Qorti tosserva li l-attriċi bdiet il-kawża qrib tliet (3) snin wara li seħħ l-inċident u l-ewwel interpellazzjoni li saret lill-imħarrek kienet fi Frar tal-2006. Dan ifisser għalhekk li għal parti sewwa miż-żmien li l-attriċi ssemmi ma kien għad hemm l-ebda vertenza ġudizzjarja (għalkemm jidher li l-atturi kienu qegħdin jistennew l-eżitu tal-proċeduri kriminali meħuda kontra l-imħarrek). Għalhekk, bi tħaddim ta' regoli ta' prassi adottati minn dawn il-Qrati f'ċirkostanzi bħal dawn[24], il-Qorti sejra tqis tnaqqis minħabba l-*lump sum payment,* u li f'dan il-każ sejjer ikun ta' sittax fil-mija (16%);

Illi mbagħad fejn il-vittma ta' inċident ma tkunx taħdem bi qligħ fiż-żmien li dak l-inċident iseħħ, il-prattika hi li jingħata valur għax-xogħol tad-dar li hija tkun tagħmel u li dan il-valur jintrabat minn tal-anqas mal-paga minima li tkun tgħodd għal dak iż-żmien[25]. Din kienet titla' għal €

---

[21] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **19.9.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Żammit et vs George Beżżina*** (mhix pubblikata); u App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Apap vs Degiorgio*** (mhix pubblikata)
[22] P.A. DS **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Buġeja et vs Carmel Spiteri***
[23] P.A. GV **12.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Sammut vs Robert Demanuele***
[24] P.A. LFS **11.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Ronnie Paċe vs George Camilleri***
[25] P.A. NA **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Schembri vs David Tanti***

119.68 fil-ġimgħa[26]. Meta wieħed iqis il-*multiplier* li se' jkun jgħodd għall-każ tal-lum flimkien ma' xi żidiet li tabilfors isiru fil-każ tal-paga minima, jidher xieraq li għall-għanijiet ta' kalkolu l-Qorti tqis ammont medju ta' mija u erbgħin euro (€ 140) kull ġimgħa, jew sebat elef u tmenin euro (€ 7,280) fuq medda ta' sena;

Illi, meħudin dawn il-kriterji kollha b'qies, il-Qorti qiegħda tillikwida bħala l-*lucrum cessans* li hija intitolata għalih l-attriċi s-somma ta' tlitt elef tliet mija u tlieta u sittin euro u sitta u tletin ċenteżmi (€ 3,363.36)[27];

Illi jiġi li b'kollox l-attriċi jistħoqqilha kumpens ta' erbat elef erba' mija u wieħed u erbgħin euro u sitta u tletin ċenteżmi (€ 4,441.36);

Ghal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tal-imħarrek:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek Daniel Sciberras kien jaħti għall-inċident li ġara fil-Gżira fl-14 ta' Diċembru, 2002, wara nofsinhar, meta ħabat għall-attriċi biex jisraqha u tefagħha mal-art, u wkoll għall-ġrieħi li hija ġarrbet minħabba fl-imsemmi ħbit, liema ġrieħi ma jgħaddux, u ssib li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin mill-attriċi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi,** tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi fis-somma ta' erbat elef erba' mija u wieħed u erbgħin euro u sitta u tletin ċenteżmi (€ 4,441.36) u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma bħala danni likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**.

[26] Ara A.L. 126 tal-1992 kif emendat (L.S. 452.71)
[27] [€ 7,280 x 11 x 0.05 = € 4004] – [(0.16 x € 4004) = € 640.64] = € 3363.36

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------